Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 345 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Roderick Agius

Vs

Mario Zaffarese

Illum 12 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Mario Zaffarese detenur tal-karta tal-identita Maltija 185365 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-14 ta' Mejju 2016 ghal-habta tad-08:45hrs gewwa Triq il-Kandlora Haz-Zebbug, u f' dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' John Tanti f' periklu car ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' John Tanti persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena u/jew persuni ohra, liema offizi jitqiesu li huma gravi (art 218, art 222 A (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil John Tanti u/jew persuni ohra, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kont provokat, ingurja b' mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni (art 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ksirt il-buon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi zammejt f' xi fond jew kellek fil-pussess tieghek, taht il-kontroll tieghek, jew garrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghek arma tan-nar u/jew munizzjoni minghajr licenzja taht l-Att dwar l-Armi (art 5(1) kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi nqast milli tavza minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-akkwist jew malli giet f' idejk arma tan-nar (art 5(3)(b) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi fil-jiem u x-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil John Tanti u/jew persuna ohra, biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha meta kont taf jew messek kont taf li l-imgieba tieghek se tikkaguna lil John Tanti u/jew persuna ohra biza' li se tintuza' vjolenza kontriha f' xi okkazjoni (art 251 B (1) (2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi u fil-jiem u x-xhur ta' qabel gibt ruhek b' mod li tajt fastidju lil John Tanti u/jew b' mod li kont taf jew messek kont taf li dan kien ta' fastidju ghal John Tanti (Art 251 A (1) (a) (b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kif ukoll talli sirt recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni, tas-sitta u s-seba' imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recediva, kif ukoll ma sabitux hati fit-termini tal-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikoli 214, 215, 218, 222 A (1), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5 (1), 5 (3) (b), 51 (2) u 51 (9) ilkoll tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija li bl-

applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre' b' applikazzjoni tal-artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Supervizjoni fil-konfront tal-imputat ghal zmien tlett (3) snin millum u matul dan il-perjodu l-hati jrid isegwi *anger management programme*.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-hati jhallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u erbghin euro u ghaxar centezmi (€248.10) rapprezentanti hlas ta' espert nominat.

In oltre a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' John Tanti u l-familjari tieghu ghal zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Zaffarese, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din l-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni (2), tas-sitta (6), tas-seba' (7) u tal-addebitu tar-recidiva migjuba kontrih, **TIRREVOKAHA** fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati ta dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija jew piena; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat **Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(a) L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx l-artikoli 223 u 227 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Mingħajr preġudizzju għall-premess, il-piena inflitta kienet waħda eċċessiva.

- ***L-Ewwel Aggravju***

L-appellant umilment jirrileva illi:

(a) Id-difiza kontemplata fl-artikolu 223 tal-Kap. 9 u cioe l-legittima difiza fejn l-offiza gravi fuq il-persuna titqies li mhijiex imputabbli u li ghalhekk ma jkunx hemm htija;

(b) Minghajr pregudizzju ghad-difiza taht l-artikolu 223, id-difiza kontemplata taht l-artikolu 227(c) u 227(d) fejn l-offiza gravi titqies li hija skuzabbli.

L-appellant jemmen li bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra xi wahda minn dawn it-tezi difensjonali meta giet biex taghmel apprezzament tal-provi migjuba quddiemha.

**A. Il-Leġittima Difiża**

Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti, u dan peress illi minn l-atti processwali jirrizulta car u ampju, illi l-imputat kif anke spjega hu stess beda jiddefendi lilu nnifsu u mhux mar hu ghal John Tanti u dan specjalment meta wiehed jara x-xhieda tieghu bil-gurament illi umilment hija iktar kredibbli u ghandha mis-sewwa minn dik ta' John Tanti. Illi dan ghamlu sabiex jiddefendi ruhu minn l-aggressjoni ta' Tanti u li kien l-istess Tanti li agredixxa lill-appellant l-ewwel, u dan fost hafna tghajjir u ghajjat. Dan ifisser illi l-appellant agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu u ma kellu ebda intenzjoni generika li jikkaguna hsara fuq l-allegat parti leza.

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jaghmel referenza ghal l-istqarrija rrilaxxata minnu, *a tempo vergine*, ftit wara l-hin ta' l-incident, fejn fl-istess stqarrija rrilaxxata minn l-appellant, tindika car illi l-element intenzjonali rikjest f' akkuza ta' reat ta' ferita gravi, hija mankanti, u dan peress illi l-appellant qatt ma kellu l-*mens rea* rikjesta sabiex huwa jista jinstab hati tar-reat.

Illi l-appellant *a tempo vergine* fl-istqarrija jaghti spjegazzjoni cara u succinta tal-akkadut u li rega rribadixxa meta ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u jiddeponi bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qort. Fil-fatt, fl-istess xhieda huwa jispjega illi l-parte civile huwa bniedem li jaqla' l-inkwiet u li kien hemm xi incidenti bejniethom qabel. Jghid li hekk kif dakinhar tal-14 ta' Mejju, 2016 wasal id-dar lura mix-xoghol martu u wliedu qalulu li l-gurnata ta' qabel kif bintu ipparkjat mar John Tanti fuqha u qalilha li kien se jcartilha t-tyres u beda jghajjat u jidghi u werwirha u marret tghid lil ommha. Huwa xehed li huwa wegga' ghaliex dawk uliedu. Qal li kif kien qed jahsel il-karozza kien hemm ragel miexi ghajjatlu u x' hin l-appellant ra li John Tanti mar fuqu, John Tanti rah sejjer u mar ihebb ghalih. Mar ifur ghalih, qabdu f' xulxin u gew fl-idejn. Imbaghad ighid li John Tanti inqaleb u l-appellant gie fuqu u bdew jiggieldu. L-appellant ikompli li ftit wara hareg wiehed mit-tfal tieghu b' hadida (dik li tholl ir-roti li taqla' l- boltijiet) u beda jsabbatha mal-art u jghajjat u John Tanti qabad kanna wkoll. X' hin ra hekk, l-appellant qal li kellu pistola bla bullets u mar igibha biex ibezzaghhom.

L-appellant ghalhekk jissotometti illi la darba huwa agixxa b' dan il-mod, sabiex jiddefendi ruhu, huwa ma seta qatt jinstab hati tar-reat migjub kontrieh u kkundannat ghal sentenza ta' habs sospiza. Dan peress illi la darba jigi ppruvat illi l-appellant agixxa b' dan il-mod sabiex jiddefendi ruhu minn l-aggressjoni tal-parte civile, minghajr l-intenzjoni illi jikkaguna ebda offiza jew hsara fuq il-persuna tieghu, allura ai termini ta' l-Artikolu 223 tal-Kap 9, ma sehh ebda reat: '*Ma hemmx reat meta…l-offiza fuq il-persuna huma…mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*'

Huwa ghalhekk opportun illi wiehed jezamina bir-reqqa l-elementi rikjesti mill-ligi, sabiex tigi nvokata d-difiza tal-legittima difesa. F' dan l-istadju, ssir referenza ghall-kazistika.

Il-principju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et**[1], fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

> *"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b' forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega* ***Antolisei*** *–*
>
> > *"occorre in fine che l' aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*
>
> *Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li*

[1] 27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012

*"pericolo attuale e' il pericolo presente."*

*[...]*

*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f' dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b' mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f' dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b' xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x' seta' għamel jew x' messu għamel jew x' messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

*Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

> *"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...]*

*[...][F]id-difesa leġittima, huwa m' għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b' perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f' dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f' ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u* errors of judgement."

Fil-kawza fl-ismijiet, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea</u>**,[2] il-Qorti rreteniet illi"*… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita' , meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

lli anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Salvu Psaila</u>**,[3] inghad illi:-

Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:

1) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b' l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;

2) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li

3) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib ' il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att ' per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-

[2] 14 ta' Jannar 1986
[3] 9 ta' Novembru 1963

> perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)… irid ikun hemm proporzjonalita…

Mill-provi prodotti rrizulta illi filfatt kien John Tanti li pprecipita din it-tilwima u li f' dik id-daghdigha ta' ftit sekondi fost hafna taghjjir u storbju, l-appellanti, meta aggrediet minn Tanti ma kellux triq ohra ghajr dik illi jiddefendi lilu nnifsu. Illi dan irid jinghad u analizzat ukoll fil-kuntest illi fil-gurnata ta' qabel kien l-istess John Tanti illi hedded lit-tifla tal-appellant u dan fuq ammissjoni tieghu stess.

Difatti mix-xhieda miġjuba f' dan il-każ ħareg biċ-ċar li l-istess parte civile huwa bniedem illi jhobb jaqla' l-inkwiet u ma jhobbx ihalli lin-nies bi kwiethom u dan anke intwera bil-komportament tieghu tul is-seduti illi kien hemm quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk kien l-istess kwerelant li bl-aġir tiegħu ta bidu ghal dan l-incident u mhux l-appellant.

Mhux kontestat li l-appellant irreagixxa ghal din l-aggressjoni. Pero tenut kont tal-mod xejn ħelu kif il-kwerelant avvicina lill-appellant u anke refa' jdejh fuqu, l-appellant m' għandux jitqies legalment responsabbli u jiġi penalizzat għax iddefenda lilu inniffsu minn din l-aggressjoni. F' moħħu ġiet kreata sitwazzjoni ta' perikolu, stante illi l-appellant ħass li ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jiddefendi ruħu bl-aħjar mod li seta. Li l-appellant jiddefendi ruħu meta affaċjat mill-aggressjoni tal-kwerelant li avviċinah b' għajjat u aggressjoni fiżika kienet reazzjoni prospettibbli.

Kif gia sottolineat il-**Profs Mamo** jgħallem illi sabiex tiġi ppruvata d-difiża leġittima, it-theddid għandu jkun (i) inġust, (ii) gravi, u (iii) inevitabbli. Rigward l-inġustizzja u l-gravita' tal-perikolu, apprezzament tal-provi fl-assjem ma jħallu ebda dubju illi l-azzjonijiet tal-kwerelant kienu inġusti u gravi. Fir-rigward tal-element tal-inevitabbilita' , fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro***, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi, *"L-element tal-inevitabilita' jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia ġlied li jara ġej, meta dan ikun jista' b' mod raġonevoli jiġi hekk evitat, imur jaffrontah b' mod li jippreċipita huwa stess il-konfront fiżiku."*[4] Dan huwa in linea ma' dak li jgħallem il-**Profs Mamo**, illi, *"The accused must prove that the act was done by him*

[4] Każ Nru 859/2004, 26 t' Awissu 1998, emfasi miżjud

*to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words, the danger must be sudden, actual and absolute."*[5] L-appellant assolutament ma setax jevita l-agir ta' Tanti izda seta' biss jiddefendi ruhu.

Jekk *se mai dato ma non concesso* fiċ-cirkostanzi l-appellant ħareġ barra mil-limiti tal-leġittima difiża imposti mil-liġi, l-aġir tiegħu xorta jista' jitqies li huwa skużabbli a tenur tal-artikolu 227(d) tal-Kap. 9. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-appellant pero xorta umilment jemmen li ma kellha tiġi applikata l-ebda piena fil-konfront tiegħu u dan a tenur tal-proviso tal-istess 227(d) stante li tali eccess kien riżultat għal perikolu imminenti li huwa sab ruħu rinfaċċat bih jew minħabba biża' jew twerwir minħabba l-aġir tal-kwerelant.

### B. L-Iskuzanti tal-Provokazzjoni

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fl-aghar ipotesi, l-azzjoni ta' l-appellant tinkwadra bhala reazzjoni taht provokazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 227(c), u ghalhekk l-appellant kellu jgawdi minn tnaqqis fil-piena. L-incident li nqala bejn il-parte civile u l-appellant nqala eslussivament htija tal-provokazzjoni **ngusta** tal-kwerelant u dan anke in vista ta' dak li gara mhux biss dakinhar tal-incident izda anke fil-gurnata ta' qabel apparti l-inkwiet li qalghu l-parte leza lill-appellant fix-xhur precedenti, u dan bil-konsegwenza illi l-appellant spicca aggrediet u dan wara hafna storbju u tghajjir.

Ghaldaqstant minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk din il-Qorti ma tqisx li huma sodisfatti r-rekwiżiti ghal-leġittima difiża pura, huwa umilment sottomess li l-aġir tal-appellant xorta jista' jitqies li huwa skużabbli in vista li ġie provokat mill-kwerelant. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-aġir tal-kwerelant kellu jitqies aġir provokanti.

Il-gurista Francesco Antolisei, (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale**, Giuffre` (Milano), 1989, pp. 394 - 395) in konnessjoni ma' l-attenwanti

[5] Profs Mamo, *Lectures on Criminal Law*, Part 1 p 104

generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

> *' La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio` l' attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Agius**,[6] deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dik l-Onorabbli Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rekwiziti ta' l-attenwant tal-provokazzjoni u qalet illi:

> *Il-piena ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. L-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li ' meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta' l-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jghid: ' Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235' , li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta.*

Jirrizulta car mis-sentenza precitata illi z-zewg elementi fundamentali sabiex jissusisti l-element tal-provokazzjoni hu illi l-att tal-parti l-ohra jkun wiehed ingust, u li l-parti provokata tagixxi b' mod immedjat ghal din ir-reazzjoni ingusta. M' hemmx dubju illi l-mod kif agixxa l-parte leza *vis-a`-vis* l-appellant kien wiehed ingust u rrisponsabbli ghall-ahhar. Kien ilu jdejjaq lill-appellant bl-agir u bl-azzjoni tieghu fost hafna ghajjat u tghajjir diretti lejn l-appellant u fl-ahhar l-istess parte leza sab l-okkazzjoni u

---

[6] 5 ta' Marzu 1997

rnexxielu jhebb ghall-appellanti. Minn naha tieghu l-appellant irrejagixxa b' mod immedjat, u naturali fl-isfond tac-cirkostanzi, u filfatt, nhasad u ddefenda ruhu **immedjatament**.

Issir referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nazzareno Fenech**,[7] fejn il-Qorti appuntu sahqet fuq dan il-punt: *' Subordinatament l-appellant jinvoka l- attenwanti tal-provokazzjoni. Pero` l-ligi tirrikjedi – Artikolu 227(c) – li l-att provokatorju jkun tali li "f' nies ta' temperament ordinarju komunement [igib] l- effett li ma jkunux kapaci jqisu l-konsegwenzi tad-delitt", cioe`, f' dan il-kaz, tal- offiza fuq il-persuna li wettaq l-istess appellant. Il-ligi taghti dan il-beneficcju tal-attenwanti lil "nies ta' temperament ordinarju" u mhux ukoll lil nies li c-cinga taqbzilhom ma' l-anqas haga, kif kjarament jidher li huwa l-appellant. In fatti xejn ma jista' jiggustifika li l-appellant aggredixxa b' mod selvagg lil hutu semplicement ghax dawn marru talbuh muftieh biex jaghmlu kopja tieghu.* Illi ghalhekk certament li, a kuntrarju ta' dak enuncjat minn l-Ewwel Qorti, l-agir ta' l-appellant kien wiehed konsegwenza ta' provokazzjoni kif titlob il-ligi.

- ***It-tieni Aggravju***

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi*

[7] 8 ta' Frar 2002

*inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali

**ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: "*Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.*

F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Ghalhekk il-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018 fejn wara talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat,

**PS 1482 Bjorn Schembri** xehed nhar it-23 ta' Mejju 2016 u spjega li nhar l-14 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta' 8.45 dahlet telefonata mill-Control room li kien hemm glieda u kien hemm involut arma tan-nar u persuna u li wahda mill-persuni kienet feruta. Huwa mar fuq il-post minnufih u sab Surgent ta- Pulzija li kien off duty li joqghod fil-vicinanzi ta' fejn grat il-glieda fejn kien gia waqqaf il-glieda u kien ghad hemm Zaffarese l-appellant u l-parte civile John Tanti. Appena wasal fired lil Zaffarese minn ma Tanti ghaliex baqghu jilletikaw bil-kliem. Jghid li dak il-hin Zaffarese kellu arma tan-nar mhux registrata li giet mehuda mis-surgent. Lil Tanti gabulu l-ambulanza ghaliex kellu xi feriti u lil Zaffarese haduh l-ghassa ta' Hal Qormi biex ikelmu l-Ispettur.

Mistoqsi xi griehi ra li kellu Tanti jghid li rah izomm wiccu u ra li kellu hafna dmija u beda izomm genbu ghaliex stqar li Zaffarese sabu minn wara u beda itih daqqa ta' sieq fil-genb.

Muri d-dokument markat bhala dok BS1 ighid li dak hu l-pakket li gie issigillat mill-Ispettur fil-presenza ta' l-appellant u hemm il-firem taghhom fuqu. Gharaf ukoll id-dok BS2 li huwa ir-rapport tieghu dwar l-incident. Ikkonferma li Tanti huwa persuna anzjana.

Muri arma tan-nar u bullets ighid li dawk huma l-istess li ra fuq il-post tal-incident u li kienu fl-envelope sigillat u markat bhala dok BS1.

**PS 601 Justin Spiteri** xehed nhar it-23 ta' Mejju, 2016 u spjega li nhar l-14 ta' Mejju, 2016 huwa kien *off duty* u ghall-habta ta' 8.45 a.m inzerta li kien fil-kamra tas-sodda tieghu id-dar u kellu l-bieb tal-gallerija miftuha. Ghall-ewwel sema ftit ghajjat izda ftit minuti wara sema il-kelma '*nisparale*k' u bla ma ried hareg jittawwwal u ra persuna tipponta pistola mill-boghod u l- pesuna l-ohra kellha hadida jew injama f'idejha. In-nies pero' ma identifikahomx ghall-ewwel. Huwa qabad par manetti minn tieghu u l *-pepper spray* u mea kien qed javvicinhom induna li kienu l-girien tieghu. Avvicina l-persuna li kellu l-pistola li huwa identifika bhala l-akkuzat. Dak il-hin talbu l-pistola u tahielu mill-ewwel. Qal li l-persuna anzjana kellha gerha f'wiccha fuq hugbejha. Dak il-hin l-anzjan li kien agitat beda ighid "*ghalfejn taghmilli hekk tweggani*" u ibnu beda

ighid '*ma kellekx ghalfejn twegga lil missieri*'. Prezenti ukoll kienhemm iz-zewg nisa tal-irgiel. Huwa baqa' bejn ir-residenzi ta' dawn iz-zewg irgiel u meta kellem lil Zaffrese mill-ewwel qallu li l-pistola kient vojta u hargu l-magazine u kkonferma li kienet vera vojta. Staqsih jekk kienitx registrata u minnufih stqarr li ma kienitx. Qal li f'nofs it-triq kien hemm dik il-hadida li tnehhi l bolts tat-tyres u ried jigborha uma hallihx. Ftit wara wasal is-surgent ta l-ghassa ta' Haz Zebbug u ghalhekk telaq 'l hemm.

Muri il-pistola jghid li dik esebita hija l-istss wahda li ra f'idejn Zaffarese meta beda' jghid 'ha nisparalek' u dan kien ftit metri l-boghod mit-tfel tal-anzjan li kellu f'idejh hadida. Bejn wiehed u iehor jghid li bejneithom kien hemm madwar hames metri. Mistoqsi jekk kienx jaf li kien hemm xi inkwiet bejn il-partijeit qabel dan l-incident jghid li ma kienx jaf.

**PS 487 Reuben Balzan** xehed fit-23 ta' Mejju, 2016 ( fol. 50) u kkonferma li nhar l-14 ta' Mejju 2016 huwa kien xoghol patrol iduru bil-karozza u fil-hin li kien Kalkara l-Control room ghajtetilhom u infurmathom li fi Triq il- Gandlora, Zebbug kien hemm argument u kien hemm arma involuta. Sakem wasal fuq il-post tal-incident l-argument kien lahaq spicca. Jaf li ra lill-imputat fl-akwati u ragel b'xaghru bajda pero' pariculars ma hax ghaliex kien gja wasal fuq il-post is-surgent tal-Ghassa PS 1482. Huwa ghalhekk telaq u kompla fuq xoghlu.

**PC 392 Kevin Caruana** xehed u stqarr li huwa kien akkompanja lil PS 1482 Bjorn u jghid li kien involut sabiex dahhal lil John Tanti fil-garaxx tieghu ghaliex dak il-hin li wasal kien fuq il-bankina jargumenta sabiex is-sitwazzjoni ma teskalax. Qal li Tanti kellu xi dmija fuq il-flokk u ghalhekk eskortah lejn l-isptar fl-ambulanza. Mistoqsi jekk jgharafx lill-akkuzat ighid li jaghrfu u dan bhala l-persuna li kienet giet mizmuma mis-surgent. Mistoqsi jekk jafx kif Tanti spicca bid-demm ighid li ma jafx pero' jaf li kellu demm fuq wiccu kif ukoll fuq il-flok.

**Ismael Tanti** xehed u qal li nhar l-14 ta' Mejju 2016 ghal-habta ta 8.45a.m. sema xi storbju u hareg jittawwal mill-gallerija u ra lil missieru mghawweg jaqla'. Dan kien qed jaqla', jilqa' u jaqla' go fih id-daqqiet ta l-akkuzat Zaffarese. Qal li missieru kien mal-art bid-demm anke fuq il-bankina tant li ha r-ritratti ukoll. Qal li waqt li kien fil-gallerija Zaffarese ipponta subghajh lejh u qallu biex joqghod hemm u ma jiccaqlaqx.

Missieru dak il-hin kien taht il-gallerija tieghu. Meta ra hekk nizel jigri qabad l-ewwel oggett li sab f'idu biex jiddfendi lil missieru. Jghid li hareg minn gol-garaxx u mar hdejhom. Zaffarese mar u gab pistola minn go karozza bajda bin-number plate 247 u ppuntaha lejn wiccu u qallu li kien ser jisparalu, joqtolhom. Huwa hass ruhu bezghan u haseb li kien ser jisparalu ghax hekk deher. Mistoqsi kemm kien boghod minnu Zaffarese dak il-hin jghdi li kien *talking distance*. Ix-xhud enfaizza li Zaffarese ipputna l-pistola lejn wiccu bhal donnu ried jisparalu. Qal li dak il-hin il-hadida li kellu f'idu tefaghha ma l-art. Dak il-hin missieru kellu griehi f'idejgh, f'wiccu u f'xoftu. Spjega li missieru ghandu 65 sena. Qal li hu kien fi stat ta' panic ra lil misseiru bid-demm fuq hwejjgu u bil-feriti fuq gimsu kif spjega. Rah ma l-art jaqla' d-daqqiet u meta ra l-pistola ma kkalkulax aktar l-affarijiet.

Qal li minkejja li l-akkuzat qallu biex ma jiccalqlaqx ma setax ma jmurx jghati l-ghajnuna lil-missieru. Ikkonferma li kien hemm pesuna tal-RIU bl-isem ta' Justin li hareg jikkalma is-sitwazzjoni u ha l-pistola minn id Zaffarese. Qal li fil-gallerija ftit qaghad ma kienx ser joqghod fil-gallerija u jara lil missieru jaqla' id-daqqiet. Qal li kieku ma intervjeniex Zaffaree kien jibqa' itih, qal li huwa nizel hdejhom biex jikkalma is-sitwzzjoni. Il-hadida li kellu kienet twila xi pied fit-tond qisha pipe speci ta' jack. Pero' jghid li meta ra li Zaffarese kellu il-Pistola huwa rema l-hadida ma l-art. Qal li meta hareg mill-garaxx kien habbat il hadida mal-art biex jipprova iwaqqaf lil Zaffarese milli jkompli jghati. Qal li huwa fl-ebda hin ma ha xi sodisfazzjon ma Zaffarese.

Ommu kienet id-dar gewwa u meta hareg jigri mid-dar ma qalx lill-ommu dak il-hin li missieru kien ma l-art jaqla' d-daqqiet. Ikkonferma li kien jaf li bejn missieru u Zaffarese kien hemm xi dizgwid qabel ma inqala dan l-incident. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Justin qabel ighid li gieli rah jiggogja lejn Gianpula meta jmur jimxi u jsellimlu pero' lanqas kien jaf li jismu Justin qabel l-incident. Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies ohra met sehh l incient jghid li ma jiftkarx. Jaf li meta kien hemm il-pulizija kien dahal gewwa biex jilbes flokk ghaliex kien hareg biss libes qalziet bl-ghagla li kellu meta ra l-missieru ma l-art. Mistqos jekk kienx jaf jekk il-pistola kientix ikkargata jew le jghid li dak ma kienx il-hin biex joqghod jara jekk kienitx ikkargata meta bniedem jghidlek li ser jisparalek.

**PS 772 Dennis Agius** xehed qal li kien gie imqabbad mill-Ispettur Agius sabiex jghamel ricerka jekk Mario Zaffarese ghandux registrat taht l-Arms Ordinance xi arma fuq ismu, jghid li mir- ricerka li ghamel ma irriultalux li qatt kellu xi arma registrata fuqu. Huwa esebixxa document li gie market bhala dok DA (fol. 94).

**PC 1399 Keith Schembri** qal li meta mar fuq il-post fi Triq il-Gandlora, Zebbug nhar l-14 ta Mejju 2016 l-argument kien gia spicca u l-persuni kienu gia separate. Jghid li is-sugent PS 1482 talbu jwasslu l-ghassa ta' Hal Qormi.

**Paul Buhagiar** xehed u spjega illu huwa joqghod Triq l-Infetti, Haz Zebbug u kien mixi lejn San Blas u jara fit-triq wiehed mgharuf bl-isem Jonny u sejjahlu u f'daqqa u l-hin ra wiehd gej mghaggel ghal fuqhom u dak il-hin qal dan x'inhu u qallu ha jmur 'l hemm u telaq jigri ghaliex idejqu l-glied. Mistoqsi jekk jgharafx lil din il-persuna li giet ghal fuqhom jghid li le. Huwa baqa' sejjer u fil-hin sema l-ghajjat. Izda baqa' sejjer. Mistoqsi kif din il-persuna giet ghal fuqhom jghid li hu kien qed jitkellem ma dan Johnny u l-persuna giet minn wara lejn darhom.

**John Tanti** xehed nar it-8 ta Gunju 2016, u kkonferma li nhar l-14 ta' Mejju, 2016 kien gie aggredit. Kien waqaf ikellem lil Paul Buhagiar hdejn id-dar tieghu u gie ragel minn warajh, tah daqqa tal-karate waqqghu ma l-art u sabbatlu wiccu ma l-art, kissirlu idejgh u anke l-ohra. Huwa esebixxa sitt ritratti mehuda minn ibnu Audrin Tanti. Gharaf lill-akkuzat Mario Zaffarese bhala l-pesuna li aggreditu. Qal li kien aggressiv mieghu hafna u beda' itih sitta la sienstra. Qal li kien ser jghalaq sninu ta' sitta u sittin sena u kellu jghamel hdax-il jum l-isptar bid-daqqiet li qala'.

Spjega li qabad u sabtu ma l-art u hdejh kien hemm iz-zrar , wiccu u idejgh gabhomlu pjaga ghax ghadhom immarkati. Waqt li kien ma l-art beda' itih bis-safety shoes kemm jiflah fuq il-kustilji kemm naha tal-lemin kif ukoll naha tax-xellug u meta ra lil ibnu qabad pistola u ppuntaha lejh.

Spjega li lejliet kien tkellem ma' bint Zaffarese u qallha biex ma tipparkjalux quddiem id-dar tieghu ghaliex itiha puncture. Jahseb li din marret tghid lil missierha u l-ghada sabu aljenat jithaddet man-nies u mar ghall-gharrieda fuqu u ghamel li ghamel. Qal li ma rahx imur ghal fuqu. Jghid li kien Zafarese biss li kien tah daqqiet u stqarr li wara

l-argument spicca l-isptaar bl-ambulanza. Mistoqsi jekk Zaffarese qallux xi kliem meta hebb ghalih jghid li qallu 'it-tifla hallielili". Dak biss semghu jghid ghax wara storda.

Mistoqsi kif beda' jghajjat qal li beda jghid 'ajma ajma ajma' u dak il-hin hareg ibnu u mhux qabel kif issugerriet id-difiza. Mistoqsi jekk kellimx lil Zaffareses fuq bintu jghid li le lanqas tah chance ghax mill-ewwel meddu. Ikkonferma li xi tlett snin qabel dan l-incient kellu incient iehor zghir mieghu fuq il-borza taz-zibel. Ikkonferma li fl-ebda hin ma hedded lil bint Zaffarese.

Il-Qorti ezaminat ukoll is-sitt ritratti esebit fl-atti u markati bhala dok JT 1 sa JT 6 esebiti a fol. 127 et seq minn fejn jirrizulta li l-parte civile kellu divesi feriti u dmija.

**Audrin Tanti** xehed u kkonferma li huwa jigi iben il-parte civile. Ikkonferma li z-zewg ritratti markati bhala dok AT 1 u AT 2 ta' hdejn il-parapett ittihdu minnu waqt li missieru kien ghadu fuq il-post fejn sehh l- incident u jidher id-demm fuq il-bankina. Qal li hu ma kienx prezenti ghall-incident ghaliex kien mar jghamlel ix-xirja pero' meta irritorna sab lil missieru fil-garaxx jsitenna l-ambulanza u l-pulizja irrikarkawlu li id-demm fuq il-bankina kien ta' missieru. Ikkonferma li r-ritratti li gew mehuda l-isptar ukoll gew mehuda minnu u dan itiehdu fis-16, 17 u 18 ta' Mejju 2016. Qal li kien hu ukoll li pprintjom id-dar.

**Dr. David Zammit Dimech** ikkonferma li kien ezamina lil John Tanti nhar l-14 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta 10.50 u kkonstata li kellu diversi feriti fuq il-persuna tieghu konsistenti fi dbengil, abbrazjonijiet u sahansitra anke ksur. Kellu kontuzjonijiet fuq iz-zewg pulmuno, kellu fratturi multipli fuq il-kustilji u ikklasifika dawn il-feriti bhala ta' natura gravi. Huwa gharaf ic-certifikat esebit fl-atti a fol. 144 markat bhala dok DZ u kkonferma l-kontenut tieghu fejn hemm elenkati il-feriti kollha subiti minn Tanti.

L**-Ispettur Roderick Agius** xehed u kkonfema li nhar l-14 ta' Mejju, 2016 ghall-habta tad-9.00 a.m. kien gie infurmat minn PS 1482 Bjorn Schemrbi li kien ghadu kif kien hemm glieda fi triq il-Gandlora Haz Zebbug u dan bejn zewg persuni, persuna ta' mezz eta' u persuna anzjana. Gie infurmat ukoll li kien hemm xi arma involuta pero' tiri minnha ma gewx sparati. Is-surgent infurmah li l-persuna involuta kienet Mario Zaffarse u ghahekk ordna l-arrest immedjat tieghu peress li intqal li kellu fil-pusess

tieghu arma tan-nar u minn informazzjoni li kien gabar is-surgent minn fuq il-post irrizulta ukoll li kien Zaffarese li kien aggredixxa lil Tanti.

Huwwa gharaf l-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzat esebita fl-atti a fol 21 markata bhala dok RA 4. Jghid li kien ghamillu diversi domandi u Zaffarese ghogbu iwiegeb ghallihom kollha. Jghid li dan qallu li Tanti kien ilu imqabbad mieghu u li seta' kien il-kaz li laqtu waqt l-akkadut pero' innega li kien aggredih b'xi mod vjolenti. Dak il-hin Tanti kien l-isptar u Zaffarse tressaq il-Qorti l-ghada. Qal li irrizultalu li l-arma kienet vojta pero' ma kienitx registrata f'isem Zaffarese. Pero' meta staqsa lil Zaffarese kif giet ghandu din l-arma stqar li kien sabha f'ghalqa. Mistoqsi jekk irrizultalux li Tanti kellu hadida f'idu jghid li irrizulta li ibnu kellu hadida izda zamm il-boghod biha.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti fejn innominat lil Dr. Mario Scerri sabiex jghamel ezami mediku fuq il-persuna ta' John Tanti u jikkonferma jekk il-feriti li kellu kienux jikkagunawlu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funjoni tal-gisem jew jekk gabux xi difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew jekk gabux xi sfregju gravi u permaneneti fil-wicc. Fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn.

Illi nhar id-19 ta' Lulju 2017 rega' xehed u esebixxa rapport li gie market bhala dok RA 8 li jirrelata dwar rapport maghmul minn Mandy Zaffarese datat 20 ta' Gunju, 2016 dwar incident li kien sehh fit-21 ta' Mejju 2016. Ipprezenta rapport iehor datat 6 ta' Gunju, 2016 maghmul minn Mandy Zaffarese u Amy Zaffarese fejn jallegaw li kellhom xi inienti ma' John Tanti. Dan hu market bhala dok RA9.

Mistoqsi jekk marx fuq l-post tal-incient jghid li ma marx ghaliex marru ufficcjali ohra. Mistoqsi jekk gietx elevata hadida minn fuq il-post ighid li sa fejn jaf hu ma gietx elevata. Jghid li huwa kien ghamel xi verifiki mas-surgent u dan kien qallu li fuq il-post ma kienx hemm hadid. Mistoqsi ghaliex is-surgent PS 1482 Schembri qal li ghaddhielu hadida ma jafx. Kull ma jiftakar hu li inghata arma u din esebiha l-Qorti.

**Dr Mario Scerri** xehed u kkonferma li Tanti sofra ferita gravi per durata u kellu jigi operat u gie inserit wire fil-frattura u ghadu sa illum ibati biex jaghmel rotation tal-polz u din tista' tibqa' xi haga permanenti. Apparti din il-ferita ighid li kellu fratturi ohra assoccjati ma bilateral lung contusions fil-ksutilji u dan kienu risultat ta' blunt

trauma diretta fuq is-sider. Dawn ukoll huma ta' natura gravi per durata. Il-feriti kienu assocjati ma' lung contusions u ghalhekk il-probabilita' hu li qala daqqiet fuq sidru.

**Mr. Jason Zammit** konsulent kirurgu xehed u kkonferma li nhar l-14 t Mejju 2016 John Tanti kien taht il-kura tieghu go l-isptar. L-istorja li kellu hija li Tanti kien gie assaltat minn ragel iehor ta' eta izghar minnu u l-injuries li kellu kienu kollha ksur f'diversi kustilji u kellu ukoll ksur fl-ghadma tal-polz fin-naha tal-lemin. Qal li kien hemm ksur fil-qafas tas-sider fuq in-naha ta-xellug u kif ukoll fuq in-naha tal-lemin u dawn il-feriti hum akollha ta natura gravi. Dawn il-feriti huma kompatibbli ma xeba li jkun qala.

**Mario Zaffarese** l-akkuzat xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-13 ta' Settembru, 2017 u spjega li ilu mizzewweg 23 sena, ghandu zewgt ibniet u jahdem bhala watchman mal-Gvern, ghalkemm jghamel ukoll xi xoghol ix- Xatt u xi xoghol bit-taxi. Qal li joqghod fi triq il- Gandlora, Zebbug u ilu jghix hemm ghal dawn l-ahhar 23 sena. Jghid li lil Tanti jafu bhala gar pero' qatt ma kellmu u dan ghaliex hu bniedem tat-trouble u ghamlilhom hajjithom mizerja.

Ikkonferma li xi hames snin qabel kien hemm l-incident tal-borza taz-zibel ghaliex ighid li Tanti kien poggiha quddiem id-dar tieghu u meta rah minn fuq il-bejt u waqqfu dan allegatament beda jidghi u jghid kliem fahxi. Darb ohra jghid li bintu kienet ghaddejja minn quddiem id-dar tieghu u waqfet tibghat xi messag u dan beda joffendiha b'ommha. Pero' msitoqsi jekk kienx prezenti ghal dan l-incident jghid li le. Darb ohra jghid li bintu kienet ghaddejja minn qudiemu u wadbilha siggu minghajr ma harset lejh. Darba ohra jghid li kien fuq il-bejt u ra lil Tanti isawwat tifel li kien *down syndrome.*

Dak in -nhar ta' l-incident mertu tal-kawza jghid li kien id-dar mal-familja tieghu u bdew jirrakontawlu dak li kien gara l-gurnata ta' qabel li bintu kienet ipparkjat mal-hajt tas-sejjieh quddiemu u kif harget it-tifla mill-karozza mar fuqha John Tanti u qallha biex ma tipparkjax hemm ghax qazzitu tipparkja hemm u qallha li kien ser icartilha it-tyres u beda jghajjat u jidghi u jwerwirha u dik telqet tigri id-dar u daret fuq ommha u talbitha biex icaqalqilha l-karozza ghaliex ta' ma genbhom (b'referenza ghall-parte civile) kien ser icartilha it-tyres.

Qal li imbaghad mar jahsel il-karozza u ra li kien hemm ragel fit-triq u Tanti ghajjatlu u dak il-hin mar fuqu u Tanti hebb ghalih. Jghid li mar fuqu biex jara ghaliex kien kellem lil bintu hekk lejliet. Dak li kien hdejh telaq 'l hemm u Tanti dar ghalih u nqabdu f'xulxin u gew fl-idejn. Inqaleb gie fuqu u bdew jiggieldu. Ftit wara hareg wiehed mit-tfal tieghu b'hadida, nizel isfel b'din il-hadida li tholl il-boltijiet forma ta' skarpell u dan gie isabbatha ma l-art u jghajjat u qabad kanna ukoll.

X'hin ra z-zewg irgiel b'xi haga f' idejhom kellu pitsola bla bullets u biex ma isawtuhx bil-hadida mar gabha biex ibezzaghhom. F'xi hin wasal il-gar taghhom pulizija u talbu il-pistola u tahielu mill-ewwel. Staqsih jekk kientix bil-bullet u qallu li ma kientix. Il-pulizija qabdu l-hadida minn ma l-art u tefghuha go borza.

Mistoqsi jekk Tanti kelmux qal li ma fehmux ghax kien rirabjat. Qal li hu kull ma ghamel kien li mar ikelmu u Tanti gie b'hafna arja u rabja u imbuttaw lil xulxin hu waqa' ma l-art gie ghal wiccu imbaghad gew fl-idejn. Hu beda jtih minn isfel u hu minn fuq. Ftit wara wasal ibnu. Dan beda jidghi u qallu li jekk kellu problema ma missieru messu mar ikellem lilu. Qal li Tanti beda ighidlu '*inpattihielek, din ma tieqafx hawn*' Qal li l-pistola harigha biex ibezzaghhom meta rahom li kellhom hadida it-tnejn zgur mhux jispara ghax bullet ma kellhiex.

Spjega li wara dan l-incident kien hemm incidet iehor meta Tanti beda jghajjat ma bintu u fil-fatt dwar dan hemm rapport l-ghassa. Qal li kien sab ukoll il-karozza mibruxa pero' ma jsitax jghid li kien Tanti li ghamillu l-hsara.

Inkontro esami mistoqsi jekk ghamilx rapport fuq l-incidenti li semma tal-passat jghid li ma ghamilx.

Dwar l- incident jghid li hu mar ikellem lil Tanti ghaliex kien imwegga ghax hu mhux persuna ta' trouble u qatt ma kellu xi jghid ma hadd. Jghid li pero' mar ghalih u bdew jargumentaw. [8] Qal li mar ikellmu b'vuci daqxejn gholja. Qal li meta rah sejjer ikelmu imbuttah u waqa' ma l-art ghal wiccu u gie fuqu u bdew jiggieldu. Tanti minn isfel u hu minn fuq. Mistoqsi jekk rax li Tanti jirkeb fl-ambulana jghid li ma jafx ghax kien il-boghod minnu. Qal li wara li iggieldu Tanti hareg b'kanna ghalih ma rahx li kien migugh. Qal li kemm John Tanti kif ukoll ibnu kellhom hadida f'idejhom. Qal li bdew

[8] Fol. 246 seduta ta t-13 ta Settembru 2017.

ixejru l-hadidiet ghalih u ihabtuhom ma l-art. Qal li missieru ha l-hadida li kellu f'idejh ibnu ukoll. Mistoqsi jekk qalx il-kiem *'ha nisparalek'* ighid li ma jiftakarx.

Mistoqsi kif imbutta lil Tanti jekk hux minn sidru jew min daru jghid li mbuttaw lil xulxin izda Tanti waqa' ghaliex kien fuq il-bankina. Wara jghid li imbuttah minn quddiem. Mistoqsi ghaliex Paul Buhagair fix-xhieda tieghu jghid li huwa imbotta lil Tanti minn wara jghid li ma jafx. Izda hu mhux qed jigdeb. Jghid li meta kienu ma l-art bdew jghatu lil xulxin. Mistoqsi jekk laqtux fil-kustilji ighid li ma jafx fejn laqtu. Jaf pero' li beda ixejjer bis-sieq. Jghid ukoll li ma jidhirlux li fil-fatt laqtu minkejja li xejjer saqajh 'l hemm u 'l hawn.

L-appellant pero' kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u din tinsab esebita fl-atti a fol.21 markat abhala dok RA4. Jidher li hemm numru xi nuqqas ta' qbil fuq certu diskors li intqal. In primis jinghad mill-akkuzat li martu ma nizlitx iccaqlaq il-vettura ta Mandy, waqt li Mandy fix-xhieda taghha tghid li ommha marret u dahlet il-karozza taghha fil-garage. Jghid ukoll li ra li John Tanti quddiem daru u mar ikellmu izda kif ra li dan kien ser ihebb ghalih imbuttah u waqa' ma l-art ghal-wiccu u kellu xi demm ma wiccu l-aktar f'imniehru. Meta xehed il-Qorti jghid li feriti ma rax. Jghid li ra lit-tifel ta' Tanti niezel mill-gallarija b'zewg hadidiet pero' fil-Qorti ighid li t-tifel nizel b'hadida u JohnTanti kellu ohra. Jghid li kien John Tanti li ha l-hadida minghand ibnu u mhux kif jghid il-Pulizija Justin li gabarha mit-triq. Jghid li kien mar igib il-Pistola dak il-hin u Justin hadielu min idejgh jew tahielu.

**Mandy Zaffarese** xehdet nhar it-13 ta Novmbru 2017 kkonfemat li tghix ma missierha l-akkuzat zewg bibien il-fuq minn John Tanti fi Triq il-Gandlora, Haz Zebbug. Spjegat li nhar it-13 ta' ta Mejju, 2016 meta irrotornat lura mix-xoghol ma sabitx fejn tipparkja u fejn is-soltu tevita li tipparkja quddiem John Tanti ma sabitx post u ghalhekk ipparkjat quddiemu izda mhux mal-bankina tieghu izda 'across the road'. Dak il-hin tghid li John Tanti kien fil-garage tieghu u hareg u qallha 'Mela hemmhekk ipparkjatli?'. Hija ma tatx kazu harget l-basktijiet mill-karozza taghha u qasmet biex tmur id-dar. Dak il-hin hareg mill-garage tieghu u heddidha qallha li jekk ma iccaqlqx il-karozza kien ser icartilha it-tyres. Baqghet mixja u dahlet gewwa darha ghax bezghet minnu. Talbet l-ommha tinzel idahlilha l-karozza fil-garage ghax bezghet

minnu u dan ghaliex ma kienitx l-ewwel darba li qallha dawn il-kliem. Ommha nizlet u dahlet il-karozza taghha fil-garage.

L-ghada inqala' l-incident pero' dettalji dwar l-incident ma tistax taghti ghax ma kienitx hemm. Mistoqsija jekk kienitx qalet lil missierha dwar dan l-incident tghid li ommha qaltlu ghaliex kient inkwetata peress li ikollhom il-karozzi tax-xoghol barra, Mistoqsija jekk ghamlitx rapport dwar dan l-incident tghid li ma ghamlitx. Mistoqsija ghaliex ma rraportatx il-kaz qalet ghaliex inkella ikollha titla il-Qorti u m'ghandhiex cans li toqghod titla' tixhed. Mistoqsija jekk minkejja li kienet bezghana ghaliex ma irraportatx il-kaz lill-pulizija tghid li ma hassitx il-htiega. Mistoqsija ghaliex ipparkjat quddiemu jekk tant tibza' minnu qalet li kellha il-basktijiet u ma ratx ghaliex m'ghandhiex tipparkja quddiemu.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti fejn kien gie nominat probation offier sabiex ihejji social inquiry report fuq l-akkuzat u dan gie esebit fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2018. Din spjegat li l-akkzuat kellu nuqqas kbira ta' supevizzjoni f'hajtu waqt l-addoloxxenza tieghu tant li bejn l-erbatax-il sena sakemm kellu tlieta u ghoxrin sena kien jabbuza mid-droga. Meta kellu tlieta u ghoxrin sena iddecida li jindirizza il-problema li kellu u ghamel programm ta' rihabilitazzjoni u indirizza l-vizzju mishut tieghu. Waqt l-andament ta 'dawn il-proceduri ittiehdu ukoll xi kampjuni tal-awrina tieghu u taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Il-familja tieghu izzommu 'l boghod mill-hajja tieghu tal-passat. Ilu mizzewweg ghal-hamsa u ghoxrin sena u ghandu zewgt ibniet. Tul ir-rapport tkellmet ukoll ma John Tanti u dan wera rabja kbira ghalih u xtaq li jkollu sentenza ta' prigunerija effettiva. Tghid li Tanti kien ghadu ibati mill-griehi fizici ta' dan l-incident meta kellmithu. Deher ukoll li waqt l-andamaent ta' dawn il-proceduri l-akkuzat kien sospiz mix-xoghol. Qalet li l-akkzuat dejjem attenda ghall-appuntamenti kollha. Spjegat li l-akkuzat jahdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u ilu hemm mis-sena 2003 u jghamel ukoll xi xoghol *part time.*

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

1. Illi nhar it-13 ta' Mejju 2016 bint l-akkuzat kellha xi tghid ma' John Tanti u dan ghaleix kienet ipparkjat il-vettura taghha faccata tar-residenza tieghu u ma hax

pjacir u ghalhekk hu jghid li qallha li jekk ma tnehhix il-karozza kien ser jaghtiha puncture u hija tghid li qallha li kien ser iqactilha t-tyre.

2. Hija tkelmet ma ommha dwar l-incient u in segwitu ommha tkellmet ma missierha u spjegatlu dak li kien gara.
3. Illil-ghada l-akkzuat nizel fit-triq biex jahsel il-karozza u ra lil John Tanti jghajjat lil xi had li kien ghaddej u mar fuqu biex ikellmu.
4. Paul Buhagiar li kien ghaddej mit-triq jghid li ra lil xi persuna tmur minn wara tkellem, lil John Tanti u thebb ghalih. Dan hu konfermat minn John Tanti li jghid li l-akkzuat qabdu minn wara imbuttah mal-art wiccu l-isfel fuq iz-zrar u beda itih bla hniena.
5. L-akkuzat jghid li mar ikellem lil John Tanti u gew fl-idejn waqqghu ma l-art hu fuq u Tanti taht u bdew jaghtu lil xulxin.
6. L-akkuzat viva voce jghid li ma rax li Tanti kellu xi feriti u lanqas jaf ghaliex mar l-isptar pero' meta rrilaxja l-istqarrija jghid li jaf li Tanti kellu xi dmija fuq wiccu hdejn imniehru.
7. Illi kien il-pulizija Justin li kien pajzan li kkalma s-sitwazzjoni u gabar il-pistola minn idejn l-akkuzat.
8. Din l-arma pistola giet identifikata aktar tard il-Qorti.

L-ewwel Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha kif adebitati fi-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni ghat-tieni, s-sitt, u tas-seba' akkuza u tal-addebitu tar-recidiva u illiberatu minn dawn l-akkuzi. Pero' sabitu hati tal-akkuzi l-ohra u kkundannatu piena karcerarja ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' snin ai termini tal-artikou 28A tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

1. Li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u konsegwentement ma kkunsidratx id-difizi imqajjma mill-akkuzat. Fosthom dawk ta' legittima difesa, l-iskuzanti tal-provokazzjoni.
2. Fit-tieni lok li l-piena moghtija hija eccessiva.

Ikkunsidrat ulterjorment

L-aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal-lkonkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[9]" [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[10]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[11]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[12]" [31.5.1991] u ohrajn .

**Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "Pulizija vs Bugeja", tas-26 ta' Marzu, 1987.**

**Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.**

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' mejju 1994
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-14 ta Frar 19891
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991

**Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera**

Fl-ewwel lok l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jistqarr li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx l-artikolu 223 u 227 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe d-difiza ta' legittima difesa.

L-**Artikolu 223 tal-Kapitolu 9** li jiddisponi:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna ... ... huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali18 fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro</u>**[13] gie ritenut illi: "*Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu"* necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"*bzonn attwali ta' difiza legittima*" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid **<u>tkun ingusta, gravi u inevitabbli</u>**[14]." (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat, jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tal-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw li mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat, qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza. Kif

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Awissu 1998 - Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294
[14] Enfasi ta din il-Qorti

jghid il-**Professur Mamo** *"the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Illi ma' dan wiehed izid li fil-gurisprudenza nostrana jinghad illi fil-konsiderazzjoni tal-kuncett tal-legittima difiza *"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could"* ("**Repubblika ta' Malta vs Martina Galea**[15]")

Illi anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Salvu Psaila**[16]" inghad illi:-

*" … l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*1) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min bl-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita` pjena jew shiha;*

*2) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*

*3) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova l-legittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita` u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jigi evitat irid ikun hemm proporzjonalita`."*

Illi kif tajjeb intqal minn **Lord Justice Widgery** fil-kawza "**R vs Julien**[17]":

*"It is not … the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his*

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-14 ta Jannar 1986 Kollezz. Vol. LXX.v.604

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Novembru 1963

[17] ([1969] 1 WLR 839)

*actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious".*

Il-Qorti thoss li ghandu jigi rilevat f'dan l-istadju li d-dritt ta' legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamanetali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke b1-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara ta' offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad¬-difensur. Kif gie tenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Psaila** [18], l-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun imminenti, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dak jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun wkoll assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-usu tal-forza.

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak l-mod fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument u cioe' mbezzgha, panikuz u l-hsieb tieghu li ser jigi aggredit meta huma ma setghax jiddefendi lilu nnifsu f'dan il-kaz minhabba l-feriti subiti f'idejh. Fil-fatt l-**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuele di Diritto Penale**[19] jghid "*il pericolo attuale e' l pericolo presente.* "

Jinghad li l-vittma kien ghall-affari tieghu jitkellem barra it-triq ma certu Paul Buhagiar meta ghall-gharrieda l-appellant mar fuqu minn wara skond ma tqarr Paul

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta Jannar 1995

[19] pt. generale - pg. 261

Buhagiar u minnufih beda jaggredih. Jirrizulta li lejliet l-vittma kien forsi qal xi kliem sfavorevoli lil bint l-appellant u dan ghaleix qallha li kien ser jghamillha puncture jew dato non concesso kif tghid Mandy Zaffrese stess qallha 'li kien ser iqacitilha it-tyre'" u li kien ghalhekk irrabjat u hareg ifittex lill-vitma ghas-sodisfazzjon. Fil-fatt ex admisses jghid "mort ghalih u bdejna nargumentaw[20]."

Jinghad li kien l-appellant li mar ifittex lill-vittma ghas-sodisfazzjon. Kien biss meta bin l-vitma rah ma l-art u nizel mill-gallerija u mar hdejh li in effetti l-appellant waqaf jghati lil vitma. Jirrizulta u dan anke min-natura tal-feriti gravi li sofra l-vitma li l-appellant ta' daqqiet bla hniena lil-vittma kif del resto jiddiskrivi l-vittma u ibnu stess. Jirrizult mic-certifikat mediku rilaxxjat fl-atti u mix-xhieda tal-Konsulent Thomas Azzopardi li in effetti l-vittma kellu diversi feriti ta' natura gravi li gew kkagunati minhabba l-aggresjoni in aspettata tal-appellant. Jidher li in effetti l-appellant tilef kull sens ta' kontroll u beda' jaghti bl-addocc anke bis-sieq. Huwa minnu li meta wasal fuq il-post il-pulizija PC 601 Justin Spiteri li l-appellant ghaddielu l- pistola li kellu f'diejh pero' dan ma jfissirx li ma kienx aggressiv mal-vittma. Il-qorti tqis li fic-cirkostanzi kien l-appellant stress li kkaguna dan l-incident u zgur li ma kienx kaz ta' legittima difesa. Fil-fatt il-feriti stess jindikaw li kien l-appelalnt li kien l-aggressur. Ma jirrizultax li l-incient kien wiehed inevitabbli anzi addirittura jidher li kien l-appellant li gabha fuqu. Zgur li ma kienx hemm xi perikolu attwai kawzat mill-vitma.

Il-perikolu gravi ingust u inevitabbkli kien ghal-vittma u mhux ghall-appellant li kien l-aggressur. Il-vittma f'dan il-kaz kien kif jghidu l-Inglizi 'on the receiving end' U ghalhekk tali difiza ai termini tal-artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta ma tistax tigi milqugha u qed tigi rigettata.

L-appellant isostni li jekk din il-Qorti ma tilqax id difiza skond l-atrtikolu 223 tal-Kap 9 ghandha allura taccetta id-difiza taht l-artikolu 227 ( c) u (d).

Illi l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar l-iskuzanti tal-legittima difesa u cioe meta il-feriti jsiru " *minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza*

[20] Fol. 246 seduta ta t-13 ta Settembru 2017.

*immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha"*

Il-ligi tispjega ukoll li "*sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-feriti jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*

Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika din l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "*illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt*[21]*.*"

Illi intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**[22] "*Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta …* ". Il-gurista **Francesco Antolisei** in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*[23]"

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li fil-jum tal-incident u cioe fl-14 ta Mejju 2016 ma kien hemm l-ebda provokazzjoni. L-allegat incident li forsi setgha irrabja lill-appellant jew ahjar iddisturbah sehh lejliet bejn bintu Mandy u l-vittma u ghalhekk zgur li l-appellant kellu bizzejjed hin sabiex jikkalma u ma jhossux daqstant provokat.

[21] Artikolu 227 ( c) talk ap 9 tal-ligijiet ta Malta
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nharl- l0 ta Settembru 2004
[23] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -39

Sabiex tirnexxi d-difisa taht la-rtikolu 227 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa necessarju *sine qua non* li l-offizi saru immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Zgur li fil-kaz in materja ma jidhirx li dan kien il-kaz ghaliex kien l-appellant li mar ghas-sodisfazzjon l-ghada, l-iskambjament ta' kliem li kien hemm bejn bintu u l-vittma li in realta ma wassal ghal imkien, ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerggha jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, kif gara fil-kaz odjern ma jkun hemm din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-Textbook of **Criminal Law** [24]- jghid:

"*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma '*provocation*' giet mehuda mill-indirizz moghti mill-Imhallef Derlin fl-Ingilterra fil-kawza **R v Duffy** [25] fejn qal :

"*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

Dwar l-aggravju tal-appellant li id-difizasaret that l-artikolu 227 (d) jinghad li d-difiza kellha tipprova li l-appellant *kien qed jaġixxi ta ħtiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, uhareg barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn."*

Fil-kaz in esami il-Qorti thoss li kien hemm bizzejjed hin sabeix l-appellant jikkalma wara li hassu offiz b'dak li seta' qal l-vittma lil bintu u zgur li ma kinitx raguni 'l ghala l-appellant kellu jmur u jikkawzalu dawk il-feriti kollha. Din il-Qorti tafferma li biex ikollok l-eċċess tal-leġittima difiża wieħed irid jara l-ewwel jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jinkwadrawx ruħhom f'każ ta' leġittima difiża u jekk iva mbagħad il-Qorti tara jekk ir-reazzjoni kienitx waħda proporzjonata jew le għal minaċċja. Pero` jekk wieħed jasal għall-konklużjoni, kif ġara f'dan il-każ, li m'hemmx leġittima difiża, ma jistax

[24] pg, 479
[25] 1945

jikkonsidra sussidjarjament l-eċċess tal-leġittima difiża! Qed jingħad hekk għaliex fil-każ odjern huwa evidenti li qatt ma jista' jkun każ ta' leġittima difiża u allura lanqas każ ta' eċċess ta' leġittima difiża għaliex din il- Qorti supra ddikjarat li ma jirrikorrux

Il-Qorti tistaqsi kif tista' d-difiza tinvoka b'suċċess il-leġittima difiża jew eċċess ta' leġittima difiża meta jirrizulta li l-unika 'minaċċja' li seta għamel lejliet il-vitma Tanti fil-konfront ta' bint l-appellant kienet li avviċinah bil-herra u qallha li kien sser icartilha it tyre? Bid-dovut rispett huwa inkonċepibbli kif sempliċement għax persuna tieħdok bil-herra ikollna allura sitwazzjoni ta' minaċċja gravi, inġusta, attwali u inevitabbli li twassal biex persuna tiġi skużata mir-reat ta' offiża gravi għax kien hemm eċċess ta' leġittima difiża!

Illi ghalhekk mhemmx dubju fil-kwadru tal-fatti kif fuq esposti jirrzulta li verament l-appellant ghandu jinsab hati tal-akkuza principali li minghajr il-hsieb li jpoggi il-hajjta ta John Tanti f'perikolu car ikkagunalha feriti ta' natura gravi. M'hemmx dubbju ukoll li ghandu jinsab hati tal-kontravenzjoni li kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied tant li hareg l-gar Justin Spiteri u iben l-vittma bl-ghajjat li kien hemm u kellhom jintervjenu biex iwaqfu l-glieda. Jirrizulta wkoll anke mill-ammissjoni tal-appellant stess li kellu fil-pusess tieghu arma u cioe' pistola li skond l-appellant kien sab il-Buskett u li jirrizulta li din ma kientix registrata mal-kummissarju tal-pulzija u li naqas li javzah bl-akkwist taghha.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fir-rigward ta' htija ghandha tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Illi l-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-piena. Illi dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**[26]" fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-

*"Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt".*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Gunju 1999

Illi din il-Qorti tara illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, inkluza n-natura tad-delitt u l-fedina penali ta' l-appellant. Inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni, sitt u seba′ akkuza u tilliebrah minnhom qed tikonfema dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-htija fir-rigward tal-akkuzi l-ohra, kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta u ghalhekk qed tikkonfermha l- piena inflitta ta′ sentejn prigunerija sospiza ghall-perijodu ta′ erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Tikkonferma ukoll l-hrug ta′ Ordni ta′ Supervizjoni fil-konfront tal-imputat ghal-zmien tlett (3) snin m′illum u matul dan il-perjodu l-hati jrid isegwi *anger management programme*.

Inoltre′ tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ikkundannat lill-hati jhallas l-ammont ta′ mitejn u tmienja u erbghin euro u ghaxar centezmi (€248.10) rapprezentanti hlas ta′ espert nominat.

In oltre tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, ordnat l-hrug ta′ Ordni ta′ Trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ghaf-favur ta′ John Tanti u l-familjari tieghu ghal zmien tlett (3) snin m′illum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur